**L-UNIVERSITÀ TA' MALTA**
**IL-FAKULTÀ TAL-ARTI**
**ID-DIPARTIMENT TAL-MALTI**
**ĊERTIFIKAT FIL-QARI TAL-PROVI BIL-MALTI**

# MAL 1048 L-Għodod Elettroniċi għall-Qari tal-Provi (2 kretti)

**Eżami Jannar 2015**
**Ħin: Siegħa u nofs**

Se tara kaxxi bħal din tul dan id-dokument. Dawn m'humiex parti mill-eżami nnifsu, u qegħdin hemm biex juru punti importanti li għandek tiftakar waqt l-eżami.

**Marki: 14**

**1. Qabel tibda taħdem fuq id-dokument ara li r-*Region & Language* tal-*Windows* hija ssettjata għall-Malti, u li l-*Language Bar* tidher fit-*Task Bar* ta' fuq id-*Desktop*. It-tastiera virtwali għandha tkun *<u>Maltese 48-key</u>*.**




Jekk il-buttuna tal-lingwa fit-*taskbar* tal-Word (🡅) ma tidhirx ħdejn ix-xbieha ċkejkna tad-dizzjunarju wara li tagħmel dan, x'aktarx għax tkun ftaħt il-Word u tellajt id-dokument QABEL ma tkun issettjajt il-lingwa fil-Windows. F'dan il-każ, agħlaq il-Word u erġa' tella' d-dokument.

Il-marki jistgħu jvarjaw xi ftit minn eżami għal ieħor skont in-numru ta' każijiet f'dik il-mistoqsija partikolari.



Innota t-total ta' paġni fid-dokument.

Marki: 10

**2. Fis-silta li jmiss l-alfabett Malti mhux użat.**

a. Issettja t-tipa għal *Times New Roman*.
b. Ara li t-test tas-silta jkun issettjat għal *Maltese.*
c. Aqleb l-ittri Ingliżi għall-alfabett Malti fejn jinħtieġ.
d. Biddel ukoll il-vokali aċċentati fejn hemm bżonn.

Il-partijiet ikkuluriti jindikaw fejn sar tibdil fid-dokument skont il-mistoqsija. Dawn il-kuluri qegħdin f'dan id-dokument bħala indikazzjoni biss, u mhux se jidhru fil-karta waqt li qed taħdem l-eżami.

Dalgħodu b'xejn ma ridt inqum mis-sodda. Mhix l-ewwel darba li tigrili, iżda llum ma ridtx inċedi u nammetti li l-ħajja kiefra li ngħixu llum tirrekjedi li kuljum bejn it-Tnejn u l-Ħadd (tal-inqas) irridu nqumu (fil-każ tiegħi fis-6.30), immorru x-xogħol u ngħixu bħal komunità ta' nemel bieżla u ħaddiema. Kulħadd f'postu, jagħmel dak li suppost biex dik il-misħuta sistema tibqa' miexja, perpetwament tissaħħaħ filwaqt li ddgħajjef lilna.

Dalgħodu kif mistenni (sakemm dejjem ma jkunx hemm xi qtugħ ta' dawl) daqq l-alarm fis-6.30. Tajtu daqqa ta' ponn tajba (għad għandi idi mbenġla.) Bi żball id-daqqa ta' ponn spiċċat fuq l-*isnooze* u għalhekk dak il-bagħal qagħad kwiet. Reġa' daqq fis-6.40 iżda jien din id-darba ġġilidt miegħi nnifsi biex ma nagħtix kasu. Għalfejn għandi noħroġ idi minn taħt il-kenn sublimi tal-*quilt* tiegħi biex inpaxxih? Ma nafx kif, jien u r-ras iebsa tiegħi (li kienet mistrieħa komda komda fuq l-imħadda, kważi kollha mgħottija bil-*quilt*) bqajna reqdin.

Meta stenbaħt ħassejt li xi ħaġa kienet stramba. Ħriġt rasi minn taħt il-*quilt* u għajnejja ffukaw fuq l-arloġġ diġitali li joqgħod iħarisli minn fuq il-komodina. Le! Leeeee! Is-7.20! Suppost nitlaq minn hawn fis-7.35 biex nasal ix-xogħol eżatt fil-ħin. Issa? U issa x'ser nagħmel?

Ġirja waħda sprint għax-xawer. Speċi ta' qaxxart il-leħja (għandi xorti ma żlaqtx u ħadt għonqi bil-*blade*) u ħriġt mid-dar mingħajr kafè. X'ċuċ hu Schumacher. Trid tarani nipprova nserrep fit-traffiku! Iva trid tarani… int imma, mhux dik il-*warden*! Kif tistgħu tobsru, iva, qabditni l-*warden* naqleb il-*lanes* mingħajr *indicator* u waħħlitli *ticket*. Imbagħad indunat li l-*brake light* tax-xellug ma kinitx qed tixgħel, u li fil-ġenn li bih sparajt 'il barra mid-dar dalgħodu nsejt nilbes is-*seat belt*. U b'hekk minflok qassart il-ħin irnexxieli ntawlu.

Meta wasalt il-fabbrika ovvjament kont tard. L-imgħallem miskin vera orrajt. Wara li fehimtu li t-tfajla mitilha l-kelb u kellna norganizzaw il-kremazzjoni tiegħu (ħeqq, kelli nivvinta xi

ħaġa ta’ malajr hux? Mhux ser ngħidlu li ma ridtx inqum mis-sodda!) qalli li ma ġara xejn imbasta nagħmel it-tmien sigħat li jmissni llum.

Addatata minn: *http://gennmalti.blogspot.com/2005/02/lewis-iqum-mir-raqda.html*

Ir-referenzi għas-sorsi ma jagħmlux parti mill-mistoqsija. Jekk tara xi ħaġa stramba jew ħażina hawnhekk m’għandekx għalfejn tirranġaha.

Marki: 36

**3. Fis-silta li jmiss hemm 20 żball ortografiku mmarkat bl-isfar.**

a. Ikkoreġi l-iżbalji skont il-korrezzjonijiet kif jidhru fil-kaxxa ta' taħt.
b. Uża t-*track changes* biex il-klijent ikun jista' jara t-tiswija.
c. Agħmel b'tali mod li t-test li tħassar jidher fil-bżieżaq fuq il-lemin tat-test.
d. Ara li t-*track changes* jidhru f'dan it-taħriġ biss tal-karta.

Imxi EŻATT mal-istruzzjonijiet. Ixgħel it-*Track Changes* għal din il-mistoqsija BISS u ftakar biex titfihom wara li tlesti. Il-kliem li tħassar irid jidher fil-bżieżaq fuq il-lemin tad-dokument, MHUX fit-test innifsu.

Tifttħu ktieb, u ma tistgħux taqrawh, għax ma tgħallimtux il-qari, taraw u tħossu illi bħallikieku jisgħobbikom. Jekk imbagħad taqrawh u ma tifhmuhx, u lanqas tafu tfissruh, billi jkun miktub bi lsien barrani, nistħajjel illi jkollkom aktar sogħba. Iżda jekk tafu taqrawh, u tifhmu minnu xi ftit, u hekk ma tafux tfissruh, u xi ħwejjeġ tifhmuhom ħaġa b'oħra, jew bil-maqlub, għiduli: x'għoqla kbira ma tiġikomx? U kemm hemm fostna minn dawn it-talin, li l-ftit li jaqraw ma jifhmuhx tajjeb, u jħabblilhom moħħhom, u b'hekk iqarrqu bihom infushom, u b'oħrajn bħalhom bla ma jridu? U mniex jiġi dan kollu? Għajr milli f'dina l-art tagħna qatt ma ħasbu għalina, u anqas ħsibna aħna ta' rġiel tal-għaqal, bħalma ħasbet in-nies tad-dinja kollha, fl-artijiet ta' barra, sewwa kbar, sewwa żgħar. Aħna mmela jmissna, u għandna nafu naqraw u niktbu bi lsienna, bħalma jafu huma ma' kullimkien: ladarba din hi ħaġa li tinħtieġ u jafuha sa fix-xgħajjar ta' Barbarija, il-Għarab u l-Bidwin. Għaliex min-nuqqas tal-qari u l-kitba bejnietna jiġi, illi aħna biss, fost in-nies ta' kullimkien, bqajna bosta wara fit-tagħlim, u fil-ħwejjeġ tal-għerf; illi rjusna mtlew bil-ħrejjef, u baqgħu mimlijin bil-frugħijiet; illi wisq minna nitkellmu u ma nafux xi ngħidu, nitħaddtu u ma niftehmux: u għalhekk bosta wħud jinsabu mħabblin dejjem f'għemilhom, u għal kull xejn jitbagħdu ma' xulxin.

Il-bniedem li ma jafx jaqra u jikteb bi lsienu ma jistax iwieżen lilu nnifsu, xogħlu dejjem imħabbel, u huwa dejjem imħabbat u ħosbien, ma jafx x'jagħmel, la fejn imidd idejh l-ewwel; għax billi ma jiktibx, meta jinsa, ma għandux xi jfakkru. Ġie waqt għandu l-miktub fuq ħwejjeġ ta' daru, u jeħtieġlu jaqrahom minn ħaddieħor, biex jagħraf xi nkitiblu, u kemm-il darba jiġri illi jaqrawlu u ma jfissrulux sewwa, u jkollu jmur jiġġiera u jibqa' ma jafx kif inhuma. F'kelma waħda, il-bniedem li ma jiktibx, għall-anqas bi lsienu, hu agħma u mxebbah lil bhima, u l-oħrajn jistgħu jmexxuh u jsuquh kif iridu u jogħġobhom.

Illum id-dinja fetħet għajnejha u għaddiet 'il quddiem bil-qari u l-kitba li ngħaraf ma' kullimkien, u għalhekk tbiddlet wisq milli kienet mijiet ta' snin ilu. Immela l-bniedem li ma jafx jaqra u jikteb jista' jgħid illi ma hu xejn fid-dinja, illi hu l-lsir tiegħu nnifsu u tal-oħrajn, illi kull fejn imur ma jiswa xejn, u jgħaddi b'miskin u b'żewwiel, u malli ħadd ma jħares lejh,

**Deleted:** taqrawħ
**Deleted:** tifmuhx
**Deleted:** tiġikhomx
**Deleted:** iqarqu
**Deleted:** ta' l-ghaqal
**Deleted:** minn-nuqqas
**Deleted:** ta' l-gherf
**Deleted:** minnha
**Deleted:** lsiennu
**Deleted:** xogholu
**Deleted:** jaqrahhom
**Deleted:** ghama
**Deleted:** mxebbah
**Deleted:** imexxuh
**Deleted:** ta' l-oħrajn

wisq uħud jidħku bih. Għaliex fiż-żmien li aħna fih, in-nies ħjienet bosta wisq milli dari, u hemm min ifittex iqarraq b'min hu bla ħila u għajnejh magħluqa. U filli dak li ma jafx jaqra u jikteb huwa bla dawl dana iżjed minn oħrajn jista' jitqarraq. Imma nħalluna minn dana kollu: nagħmlu illi aħna ninsabu qalb it-tieba, u fost in-nies sewwa. Iżda meta naraw nies oħra, u mad-dinja kollha, u sa f'qiegħ il-Lvant ġewwa ċ-Ċina kullimkien jafu l-kitba, nistgħu aħna nagħmlu rwieħna mingħajru u illi nibqgħu sajmin minnu, u fid-dlamijiet tal-imbikkmin, tal-imtarrxin, u tal-għomi, li ma jitkellmux, li ma jisimgħux, u li ma jarawx? Le: ma jixirqilniex dana billi nibqgħu wara iżjed, u jeħtiġilna nħawtlu u ngħaġġlu f'din il-ħaġa, biex nirbħu r-reħu li rħejna s'issa, u nilħqu mal-oħrajn.

Deleted: oħnu

Deleted: ta' l-imbikkmin

Deleted: ta' l-imtarrxin

Deleted: ta' l-għomi

Iżda ktibna mill-ewwel għandu jkun bi lsienna, biex nirbħu ż-żmien li tlifna: ladarba, malli taqra u tikteb bi lsienek tħossok minnufih tithenna, u bħallikieku tistenbaħ, billi tiftaħ għajnejk u tara dawl ġdid, dinja oħra, u hemma mbagħad tagħraf x'qiegħed tgħid u x'qiegħed tagħmel, u ssib illi minnek waħdek tkun tikteb fehmietek b'idejk, tarahom b'għajnejk, u taqra b'fommok kulma jiktbulek oħrajn; għaliex, billi jkun miktub bil-lsien li twelidt u trabbejt minn tfulitek u mis-sebħ ta' għomrok, issibek fid-dawl, fejn tara u, tilmaħ tajjeb, tifhem u ttiegħem, u tista' tixtarr kollox minnufih u minnek innifsek.

Deleted: min

*Silta minn* Stedina, *taħdita ta' Mikiel Anton Vassalli, m. 1827*

**Il-korrezzjonijiet:**

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| taqrawh | tifhmuhx | tiġikomx | iqarrqu | tal-għaqal |
| min-nuqqas | tal-għerf | minna | lsienu | xogħlu |
| jaqrahom | agħma | mxebbah | jmexxuh | tal-oħrajn |
| aħna | tal-imbikkmin | tal-imtarrxin | tal-għomi | minn |

Kummenti qosra.
M'għandekx bżonn tidħol f'ħafna dettalji grammatikali. **L-ewwel** ikkoreġi l-iżball u **wara** żid il-kumment.

**Marki: 12**

**4. Għas-silta li jmiss oħloq kumment sempliċi u qasir dwar kull żball immarkat bl-isfar.**

Ikollna kemm ikollna idea oriġinali u plott inġenjuż, trid tkun is-saħħa tal-karattri li timbotta l-istorja 'l quddiem. Ħafna kritiċi huma tal-fehma li parti kbira mis-suċċess ta' Harry Potter hija dovuta għall-karattri ta' Harry, Ron, u Hermione, karattri apparentement sempliċi iżda kumplessi fil-qalba tagħhom; karattri li jikbru u jiżviluppaw minn ktieb għal ieħor b'tali mod li l-qarrejja jistgħu jidentifikaw magħhom bil-ferħa. Hekk ukoll nistgħu ngħidu għal ħafna mill-karattri ta' din is-sensiela: Dumbledore, Hagrid, Snipe ... karattri multidimensjonali, ħafna drabi eċċentriċi u li kontinwament jiġbdu s-simpatija jew l-antipatija tal-qarrej. Il-letteratura l-kbira naqqxet isimha fl-istorja bis-saħħa tal-karattri li ħolqot. Heathcliff, Little Dorrit, Lady Macbeth, Scrooge, Peter Pan ... kollha ismijiet li jibqgħu f'moħħna għax huma karattri li jieħdu n-nifs u f'kull wieħed minnhom nistgħu nilmħu biċċa minna. Plott interessanti b'karattri tal-kartun ma jista' qatt jissarraf f'xogħol letterarju; waqt li plott sempliċi b'karattri b'saħħithom jista' jiżviluppa f'xogħol mill-aqwa.

**Comment [NCB1]:** Għandha tinkiteb 'idea' (mit-Taljan).

**Comment [NCB2]:** Trid tfisser 'minn+aħna', mhux 'minn+hi'.

**Comment [NCB3]:** Kelma rduppjata.

Jista' jkun li hawn jinsab in-nuqqas f'ħafna stejjer ta' avventura: il-ġirja tar-rakkont iddellel il-karattri u ħafna minnhom jibqgħu biss wiċċ bla ruħ. Għalhekk meta nkunu qed nibnu l-karattri tar-rakkont tagħna, tajjeb nistaqsu lilna nfusna:

i. Kif inhi l-mixja tiegħu?
ii. Kif iħares lejk meta tkun qed tkellmu; jevita ħarstek?
iii. X'manjeriżmi għandu; iħobb jilgħab b'subgħajh, iħokk widintu l-leminija meta jkun ikkonfondut, dejjem jirranġa n-nuċċali f'postu?
iv. Kif iħobb jilbes, dejjem b'*t-shirt* u *jeans*; iħobb il-kuluri jgħajtu; iżomm ruħu *smart*, mitluq, nadif, imdellek?
v. Kif inhu leħnu; irqiq, baxx, maħnuq, jitkellem bil-lajma, jomgħod il-kliem, qatt ma jtemm is-sentenza?

**Comment [NCB4]:** vokali tal-leħen taqa' minħabba l-kelma ta' qabilha.

Trevor Zahra, *Il-Kitba kreattiva*, Merlin 2007

Marki: 12

**5. Is-silta li jmiss għandha l-virgoletti dritti.**

a. Uża l-*AutoCorrect Options* biex tbiddilhom fi *smart quotes*.
b. Ara li l-appostrofu mal-partiċelli jkun imxaqleb sewwa.

Iżda l-omm weġbitu, "U x'inti tgħid? Il-bnedmin xi tridhom jiġu jagħmlu hawn? Naħseb qiegħed toħlom għax il-lejl kollu tixħet id-dawl fuq in-nies. Ejja għax sajjartlek ikla tassew tajba. Kul u wara mur strieħ, ibni."

Hawnhekk kien hawn żewġ appostrofi singoli wara xulxin minflok appostrofu doppju wieħed!

Il-Qamar kiel kollox u beda jongħos. Ommu serrħitlu rasu fuq ħoġorha u qagħdet tmellislu xagħru u kif kien għoddu raqad ġibdithielu waħda sew.

"Ajma, ma! Għala ġbidtli xagħri?"

"Iiii, mhux għax ridt, ibni," qaltlu l-omm, "imma għajni marret bija u ħlomt bi tliet aħwa li nbidlu fi tliet ċawliet. Int qatt iltqajt magħhom dawn?"

"Le, lanqas qatt, imma forsi x-Xemx rathom xi mkien. Staqsi lilha."

Ma' dan il-kliem il-Qamar għalaq għajnejh u raqad, u meta qam telaq ħalli billejl ikun jista' jixħet id-dawl għan-nies.

Ix-xwejħa tektket mal-banju u t-tifla ħarġet minn fejn kienet mistoħbija. U qaltilha, "Smajtu x'qal it-tifel tiegħi? Ibqa' miexja f'dan il-wied sakemm tasal fit-tarf. Hemmhekk tara d-dar taħti, omm ix-Xemx. Forsi t-tifla tagħha taf aktar fuq dawn l-aħwa."

It-tfajla semgħet minnha u ftit qabel ma niżlet ix-Xemx sabet ruħha fuq l-għatba tal-bieb tad-dar ta' omm ix-Xemx li kienet qiegħda ssajjar għat-tifla tagħha.

"Alla jagħtik is-saħħa, Sinjura."

"Tant ieħor, binti," wieġbet omm ix-Xemx. "X'ġabek 'l hawn?"

"Nixtieq nistaqsi lit-tifla tiegħek jekk qattx semgħet bit-tliet aħwa li saru ċawl. Nixtieq insir naf għax dawk ħuti."

Immanuel Mifsud, *Ħrejjef mis-Slovakkja*, Klabb Kotba Maltin, 2011

Marki: 8

**6. Fis-silta li jmiss xi artikli f'tarf il-vers mhumiex magħqudin mal-kelma ta' wara.**

a. Għaqqad l-artiklu mal-kelma billi tuża *nonbreaking hyphen*.
b. Agħmel dan għall-artikli fis-silta kollha.
c. Ara li t-tibdiliet isiru f'din il-parti tal-karta biss.

Id-duwaliżmu lingwistiku-kulturali ta' Malta hu l-isfond ta' kull konsiderazzjoni dwar il-letteratura fil-gżira. L-eqdem ilsien magħruf tal-pajjiż huwa ta' nisel semitiku u għandu tradizzjoni mitħaddta li żammitu ħaj fost il-kotra li ma kinitx tikteb. It-tradizzjoni miktuba, min-naħa l-oħra, iddaħħal lill-pajjiż fit-tradizzjoni Taljana. L-ewwel tradizzjoni hi meqjusa bħala popolari, aktarx "inferjuri", miftuma mill-oqsma tal-kultura kif mifhuma tradizzjonalment u fis-sens dejjaq; hi l-espressjoni ta' poplu li jinqeda bil-kelma ta' nisel Għarbi għall-ħtiġiet ta' kuljum. It-tieni tradizzjoni hi meqjusa bħala kolta, aktarx "superjuri", marbuta sfiq mal-oqsma tas-setgħa u tal-kultura dominanti, legali u ekkleżjastika.

Il-konflitt bejn tradizzjoni mitħaddta ta' nisel Għarbi u tradizzjoni miktuba ta' nisel Latin hu l-bażi tal-għarfien tal-ġrajja soċjo-kulturali Maltija għall-inqas minn wara żmien il-Għarab 'l hawn, meta l-Mediterranjetà Maltija bdiet titħallat mal-Ewropeità u trodd mhux biss żviluppi u adattamenti iżda wkoll konfrontazzjonijiet sottili, sikwit siekta. Id-duwaliżmu bejn wirt Għarbi u wirt Latin, bejn kultura ta' ġemgħa kotrana u kultura ta' ġemgħa ristretta, bejn klassi maħkuma u klassi ħakkiema jispjega wkoll għala l-ilsien Malti kellu jistenna sal-qawmien romantiku Ewropew tas-seklu dsatax biex, fid-dell tal-fehmiet imdawla ta' Vassalli u oħrajn, jaqbad it-triq tal-għarfien sħiħ fid-direzzjonijiet kulturali ewlenin, fosthom fid-direzzjoni ta' normalizzazzjoni ortografika, rikostruzzjoni lessikali u trawwim letterarju.

*Adattata minn* Oliver Friggieri, "Il-Kantilena ta' Pietru Caxaru: Stħarriġ Kritiku", f'Montebello, Mark F.,*Pietru Caxaru u l-Kantilena Tiegħu*, Union Print 1992.

Marki: 8

**7. Fis-silta li jmiss it-tajpista daħħal ħafna spazji żejda.**

a. Neħħihom billi tuża x-*show/hide* (¶) flimkien mal-*Find & Replace*.
b. Fl-aħħar itfi x-*show/hide*.

F'din is-silta l-linji vertikali ħodor bejn il-kliem juru spazji żejda li tneħħew. Il-libnji l-ħoxnin jindikaw li fil-fatt kien hemm aktar minn żewġ spazji żejda f'dak il-post. Għalhekk dejjem tajjeb li l-Find & Replace tibqa' tagħmilha sakemm tindikalek li ma fadalx każijiet oħra.

L-Assedju l-Kbir tal-1565 hija t-tema komuni ta' logħob diġitali li żviluppaw l-istudenti li qed jitħarrġu f'din il-fergħa speċjalizzata tat-teknoloġija tal-informatika. L-istudenti kellhom biss erba' xhur biex ilestu l-proġett tagħhom li jinvolvi ħiliet tekniċi differenti. Tnejn u għoxrin student f'sitt timijiet irnexxielhom jaslu sal-finali ta' kompetizzjoni dwar il-logħob diġitali li issa daħlet fil-ħames edizzjoni tagħha.

Il-Prinċipal ta' St Martin's Institute of Higher Education, Charles Theuma, qal li erba' logħbiet li pparteċipaw fl-edizzjonijiet passati tal-kompetizzjoni rnexxielhom jidħlu fis-suq kummerċjali.

Ġurija ta' professjonisti mill-industrija tal-logħob diġitali tevalwa diversi aspetti tal-logħob fosthom l-arti tal-grafika kif ukoll kemm il-logħba tħajrek li tibqa' tilgħabha.

Il-kap tal-ġurija, Nilsen Filc, qal li minn sena għall-oħra l-livell tal-istudenti Maltin dejjem qed jogħla. L-istudenti li daħlu għal din l-isfida jemmnu li għandhom futur f'din l-industrija li llum tiġġenera biljuni ta' ewro fl-ekonomija tal-pajjiżi l-aktar żviluppati.

Għall-ewwel darba s-St Martin's Institute of Higher Education qed jikkollabora ma' Heritage Malta u kien għalhekk li din is-sena l-istudenti għaqqdu l-element kulturali mat-teknoloġija diġitali. Heritage Malta qed tevalwa l-logħob diġitali żviluppat għal din il-kompetizzjoni għall-użu tagħha fl-anniversarju tal-450 sena mill-Assedju l-Kbir li ser jitfakkar is-sena d-dieħla.

Meħuda u adattata minn *http://www.tvm.com.mt/news/l-assedju-l-kbir-fil-loghob-digitali/*

**TMIEM IL-KARTA**

Dan jindikalek ċar fejn hu tmiem id-dokument.



Ħares lejn il-*footer* biex tkun taf in-numru totali tal-paġni fid-dokument u biex tkun żgur li ma ħallejt xejn barra.